**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Gunju 2017**

Numru 1

**Referenza Kostituzzjonali Nru. 59/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat illi din hija referenza kostituzzjonali li ghamlet il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-10 ta' Dicembru, 2013, li permezz taghha, wara li qieset it-talba maghmula mill-avukati difensuri tal-akkuzat, Joseph Rizzo, bhala gustifikata, laqghet it-talba li tigi pprezentata referenza kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jigi deciz jekk l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem gewx lezi.

Rat id-digriet taghha tal-21 ta' Gunju, 2016, li bih appuntat ir-referenza kostituzzjonali ghas-smigh ghall-11 ta' Lulju, 2016, wara li l-Qorti Kriminali ordnat li l-atti jigu rimessi lil Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) biex tigi deciza r-referenza kostituzzjonali li kienet giet degretata fl-10 ta' Dicembru, 2013 mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja u li ghar-raguni mhix maghrufa, ma ngibietx a konjizzjoni ta' din il-Qorti qabel il-21 ta' Gunju, 2016.

Illi din il-Qorti ghandha tqis it-talba tal-akkuzat limitatament fis-sens li kif jinghad permezz tar-rikors imressaq f'ismu fit-3 ta' Dicembru, 2013: "sabiex jigi determinat jekk l-artikolu 22(2) tal-Kap.101 fejn tinghata diskrezzjoni insindakabbli lill-Avukat Generali ghall-liema piena ghandu jissottometti lill-akkuzat bhala anti-kostituzzjonali u lezivi tal-artikolu 6 u 7 tal-konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem, b'dana illi jinghata rimedju effettiv lill-esponent salv kull provvediment xieraq u opportun."

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-18 ta' Lulju 2016, li permezz taghha kkonstesta l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent Rizzo bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet segwenti:

Fil-qasir il-fatti ta' dan il-kaz huma li r-rikorrent snin ilu gie akkuzat fil-Qorti Kriminali li wettaq reati kontra l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè li assocja ruhu ma' persuni ohra sabiex tigi ttraffikata d-droga raza tal-cannabis f'Malta u bil-pussess aggravat tar-raza tal-cannabis fost ohrajn. Dawn l-akkuzi hargu kontra r-rikorrent wara investigazzjoni estensiva li ghamlet il-Pulizija li fiz-zmien meta sehh ir-reat kienu qed jissorveljaw il-passi kemm tar-rikorrent kif ukoll ta' terzi persuni ukoll involuti fit-traffikar tad-droga. Din l-investigazzjoni waslet ghas-sejba ta' ammont sostanzjali ta' raza tal-cannabis u cioè kwazi 2.5kg.

Illi l-esponenti jeccepixxi preliminarjament li l-mertu ta' din ir-referenza huwa ormai ezawrit. Kif inghad iktar 'l fuq, din ir-referenza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja saret f'Dicembru 2013 u ma hemmx dubju li minn dak iz-zmien sal-lum, proprju dwar id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali f'kazijiet ta' droga, kien hemm diversi zviluppi kemm mil-lat legislattiv kif ukoll dak gurisprudenzjali. Fil-fatt tajjeb li jigi rilevat li fis-sena 2013 kien hemm emendi fil-Kap. 101 li stabbilew x'linji gwida ghandu juza l-Avukat Generali meta jigi biex johrog l-Ordni skond l-artikolu 22 tal-Kap. 101 u kif ukoll mekkanizmu ta' kontestazzjoni ghal dik l-Ordni. Il-legislatur Malti emenda il-ligi b'mod illi persuna akkuzata ghandha dritt tissindika id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali permezz ta' rikors fil-Qorti Kriminali li tiddeciedi definittivament liema qorti ghandha tiddeciedi l-kaz, jekk hux ilQorti tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali.

L-argument tar-rikorrent li hu ghadu fl-ghama jekk fl-gheluq tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali hux se jordna li l-kaz tieghu hux se jigi mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Qorti Kriminali m'ghadux aktar validu proprju ghaliex l-Avukat Generali fil-bidu nett tal-proceduri kien hareg l-Ordni li r-rikorrent ghandu jigi akkuzat fil-Qorti Kriminali u fuq kollox fis-7 ta' Settembru 2015 l-esponent hareg l-att t'akkuza li bih ir-rikorrent gie akkuzat proprju fil-Qorti Kriminali b'erbgha kapi t'akkuza. Ghalhekk ma hux minnu li r-rikorrent ghadu ma jafx liema Qorti se tiddeciedi l-kawza tieghu u ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent l-mertu tar-referenza huwa ezawrit.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, l-esponenti jeccepixxi li r-rikorrent ma ezawriex ir-rimedji ordinarji li taghtih il-ligi. Il-principji

li jirregolaw il-materja ta' twettiq ta' rimedji ordinarji fl-isfond tal-azzjonijiet kostituzzjonali jinsabu fl-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta. Fihom insibu specifikat li l-qorti b'kompetenza kostituzzjonali ghandha tirrifjuta milli tinqeda b'dawn is-setghat specjali moghtija lilha mil-ligi, jekk kemm-il darba hija tkun sodisfatta li kien hemm disponibbli mezzi xierqa ta' rimedju taht il-ligi ordinarja biex jindirizzaw il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Kif rilevat aktar 'l fuq saru emendi fil-Kap. 101 li taw is-seta' li persuna mixlija b'reat kontra l-Ordinanza tkun tista' tikkontesta l-ordni tal-Avukat Generali dwar jekk il-kaz ghandux ikun iggudikat mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Qorti Kriminali. Jidher li r-rikorrent ma utilizzax ir-rimedju kontemplat fl-artikolu 22A tal-Kap. 101 li jipprovdi li persuna li tkun giet notifikata b'att t'akkuza tista tikkontesta d-decizjoni tal-Avukat Generali fi zmien 7 ijiem min-notifika tal-att ta' akkuza.

Tassew mhuwiex gust li r-rikorrenti hallew opportunita ta' rimedju ordinarju tghaddi inutilment. Jekk hasbu li kien hemm xi nuqqas huma kien messhom qanqluh fil-mument opportun u quddiem il-Bordijiet u/jew il-Qrati opportuni. Id-disposizzjonijiet ta' natura kostituzzjonali mhumiex intizi bhala l-ahhar refugju meta persuna thalli termini provduti taht il-ligi ordinarja jiddekorru inutilment imbaghad jittanta jaghti xejra ta' ksur ta' drittijiet fundamentali lil tali nuqqas.

Ghaldaqstant huwa opportun illi dina l-Onorabbli Qorti tiddeklina milli tezercita l-poteri taghha taht il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u dan ai termini tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso ghall-Artikolu4 (2) tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta stante l-ezistenza ta' mezzi ordinarji ta' rimedju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu tajjeb li wiehed jenfasizza li l-mertu tal-vertenza mhijiex jekk il-piena nfisha kinitx prevedibbli u dan qieghed jinghad ghaliex fil-verita il-parametri tal-piena ghar-reati ta' traffikar u pussess aggravat ta' droga huma ben cari u stabbiliti u cioe bejn sitt xhur u ghomor. Il-pern ta' din il-kawza hija jekk il-mod kif l-Avukat Generali juzà d-diskrezzjoni tieghu jaghmilx il-piena prevedibbli jew le. Biex wiehed ikun jista jezamina jekk id-decizjoni soggettiva tal-Avukat Generali kinitx prevedibbli jew le wiehed irid ihares lejn ic-cirkustanzi u l-fattispecji tal-kaz u lejn decizjonijiet mehuda minnu fil-passat.

L-esponent jargumenta li fi kwalunkwe kaz l-artikolu 22 tal-Kap. 101 ma johloq l-ebda incertezza jew imprevedibbilita la dwar l-elementi tar-reat u wisq aktar dwar il-piena. Ghalkemm l-Avukat Generali jista jaghzel li jibghat lill-akkuzat jew quddiem il-Qorti Kriminali jew il-Qorti tal-Magistrati dan ma jnaqqas xejn mill-prevedibbilità tal-ligi. Dan ghaliex sew jekk il-kaz jinstema' mill-Qorti tal-Magistrati sew jekk jinstema mill-Qorti Kriminali l-elementi li jikkostitwixxu r-reat jibqghu l-istess. Fejn tidhol il-piena ghalkemm huwa minnu li hemm differenza sostanzjali fil-parametri pero bil-gurisprudenza kopjuza u kostanti f'dan il-qasam, wiehed facilment jista jipprevedi x'inhuma dawk il-kazijiet li jjimmilitaw akkuza quddiem il-Qorti Kriminali u dawk ghal akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

Fil-kaz odjern tista tghid li l-Avukat Generali ma kellu ebda ghazla ohra hlief li jakkuza lir-rikorrent fil-Qorti Kriminali ghaliex in-natura komplessa tat-traffikar ta' droga li kien involut fih allegatament ir-rikorrent u l-ammont ta' droga misjuba mil-Pulizija (**2.4Kg**) jaghmluha evidenti li dan il-kaz huwa ta' serjeta kbira li ghandu jigi deciz mil-Qorti Kriminali. Minhabba l-fattispecie ta' dan il-kaz zgur li ma jistax jitqies li huwa wiehed borderline jew li addiritura ghandu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati. Dan huwa ikkonfermat mill-linji gwida li jinsabu annessi fil-Kap. 101. Fost dawn il-linji gwida hemm li l-Avukat Generali ghandu juza d-diskrezzjoni tieghu billi jiehu in konsiderazzjoni l-kwantita ta' droga misjuba u jekk l-ammont ta' droga misjuba huwa inqas minn 300 gramma cannabis allura f'dak il-kaz l-Avukat Generali jista jiehu dan il-fattur sabiex persuna ma tigiex akkuzata quddiem il-Qorti Kriminali.

Fil-kaz odjern il-pulizija sabet ammont kbir ta' droga fl-ammont ta' 2.4kg li fil-fehma tal-esponent dan wahdu ukoll huwa fattur bizzejjed li juri kif l-Avukat Generali ma kienx zbaljat fl-uzu tad-diskrezzjoni tieghu u li kien ovvju f'liema Qorti kien se jigi akkuzat ir-rikorrent – Il-Qorti Kriminali. Ma dan hemm ukoll konsiderazzjonijiet ohra relatati mal-modalità komplessa u sofistikata ta' kif giet immexxija u t-traffikata d-droga li ukoll huwa fattur ewlieni sabiex tigi stabbilita l-qorti li fiha persuna akkuzata b'reat kontra l-Ordinanza ghandha tigi ggudikata. Ghalhekk l-esponent Avukat Generali uza kriterji li illum-il gurnata jinsabu imnizzla espressament fil-ligi u dan ikompli jikkonferma kemm fil-kaz id-diskrezzjoni li uza l-Avukat Generali bl-ebda mod ma kisret xi dritt fundamentali tar-rikorrenti.

Dak li tassew jiswa ghall-finijiet tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea hu li akkuzat mhux biss ghandu jkollu certezza dwar x'jikkostitwixxi r-reat li qieghed jigi mixli li ikkommetta izda ukoll li, bejn wiehed u iehor, ikollu prevedibbilita dwar il-quantum tal-piena li jista jehel jekk jinstab hati. Il-Qrati taghna kemm-il darba esprimew ruhhom fuq dan il-punt u l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Jean Pierre Abdilla vs Avukat Generali** tas-16 ta' Mejju, 2016 fejn l-Onorabbli Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravita tar-reat minnu mwettaq la kienet zghira u lanqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali? B'risposta ghal din id-domanda, l-esponent jghid li l-kaz in dizamina zgur li mhuwiex *borderline* tenut kont tan-natura komplessa tieghu u tal-kwantità konsiderevoli ta' droga misjuba u ghalhekk ir-rikorrent Joseph Rizzo seta' jobsor li jekk jinqabed kien x'aktarx jitressaq il-Qorti Kriminali.

Illi subordinatament u minghajr hsara ghall-premess, l-esponent jghid li r-rikorrent imkien ma jispjega b'liema mod gie mxekkel milli jkollu smigh xieraq. L-artikolu 6 tal-Konvenzjoni jirregola biss il-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-qorti u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-qorti. F'dan il-kaz ma jirrizultax li r-rikorrent gie mcahhad milli per ezempju iressaq id-difiza tieghu. Kemm quddiem il-Qorti Kriminali u kemm quddiem il-Qorti tal-Magistrati min ikun mixli b'reat ikollu l-garanziji kollha li jrid l-artikolu 6. Bl-ezercizzju tad-diskrezzjoni moghtija lilu, l-Avukat Generali ma jkunx qieghed jaghti xi decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi jew ikun qieghed jiddetermina l-piena li l-akkuzat ghandu jehel. Kemm jekk il-proceduri jitmexxew fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Magistrati, l-prosekuzzjoni xorta jehtiegilha tipprova l-htija tal-akkuzat u fl-ahhar mill-ahhar

l-ahhar kelma dwar il-grad u l-kwantum tal-piena hija assolutament fid-diskrezzjoni tal-qrati.

Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet ma' jistax jinsab ksur tal-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat l-att tal-akkuza 16/2015 fil-konfront tar-rikorrenti, pendenti quddiem il-Qorti Kriminali;

Rat il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet prezentati;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti, inkluz dawk indikati mill-partijiet, bhala rilevanti mill-process kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Joseph Rizzo.

**Ikkunsidrat:**

Illi r-rikorrent jinsab akkuzat fost affarijiet ohra, bit-traffikar ta' droga kokajina u cannabis, u skond ordni tal-Avukat Generali mahruga fid-29 ta' Lulju, 2004, il-kaz tieghu kellu jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali. Ir-referenza kostituzzjonali, kif rilevat qabel, ghalkemm tqajjmet quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fl-ahhar tas-sena 2013, ghal xi raguni intesiet. L-Avukat Generali ressaq l-Att ta' Akkuza 16/2015 kontra Joseph Rizzo quddiem il-Qorti Kriminali f'Settembru, 2015. Kien biss fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2016, quddiem il-Qorti Kriminali li d-difensuri tal-akkuzat gibdu l-attenzjoni tal-Imhallef sedenti li ghalkemm il-Qorti tal-Magistrati kienet laqghet talba ghal referenza kostituzzjonali, l-atti qatt ma gew trasmessi lil din il-Qorti fil-kompetenza kostituzzjonali taghha. Dan wassal lill-Qorti Kriminali biex tordna li l-atti jintbaghtu quddiem din il-Qorti.

Il-ligi taghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali jiddeciedi, skond ic-cirkostanzi tal-kaz, jekk persuna akkuzata bi traffikar tad-droga ghandhiex ikollha l-kaz

taghha mismugh quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (fejn il-massimu tal-piena hija prigunerija ghal 10 snin kif ukoll multa) jew quddiem il-Qorti Kriminali (fejn akkuzat, jekk jinstab hati ta' traffikar ta' droga, jista jehel sa ghomru l-habs). Ir-rikorrent qed jghid li din id-diskrezzjoni, kif kontemplata mill-ligi, hija insindakabbli u li tikser id-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem: fi ftit kliem, qed jallega li tali diskrezzjoni tilledi d-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u ghac-certezza legali.

Huwa ritenut xieraq li din il-Qorti ghandha l-ewwel tqis l-istedina maghmula mill-Avukat Generali permezz tal-eccezzjoni preliminari tieghu, bbazat fuq il-proviso tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni li bazikament jirreferu ghas-setgha ta' din il-Qorti, jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel, tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat, huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skond xi ligi ohra jew fil-kaz tal-konvenzjoni taht il-ligi ordinarja. Ghandu jinghad li l-intimat qieghed jghid li r-rikorrent naqas peress li ma ezawriex ir-rimedju ordinarju disponibbli lilu, u konsegwentement din il-Qorti, ghandha tilqa' l-istedina tieghu sabiex hija tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha u ma tiddecidix il-kawza, ladarba r-rikorrenti kellhom rimedju iehor taht il-ligi ordinarja li r-rikorrent Joseph Rizzo naqas milli jadopera.

Fost il-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-eccezzjoni in ezami hija l-ezistenza, jew in-nuqqas ta' rimedju disponibbli ghal min iressaq l-azzjoni tal-allegat ksur ta' dritt fondamentali taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni, li ghandha tirrizulta bhala stat ta' fatt. Ghalhekk id-diskrezzjoni mhollija f'idejn il-Qorti dwar jekk ghandhix tezercita l-poter taghha jew le, ladarba ikun meqjus li hu hekk ideali li taghmel, minhabba li jezisti rimedju iehor, hija wahda wiesgha, tali decizjoni ghandha tittiehed a bazi ta' tali stat ta' fatt. Tant hu hekk, li din id-diskrezzjoni wiesgha tal-Qorti hija suggett ghall-fatt li f'kaz biss li jirrizulta tali rimedju iehor effettiv, illi din il-Qorti tista' taghzel twarrabx il-poter taghha li tisma' l-kaz jew le.

F'dan il-kuntest issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu, 1994 fil-kawza flismijiet **Dr Mario Vella vs Joseph Bannister nomine**, wara li ezaminat numru ta' sentenzi kienet qalet hekk:

> Minn din ir-rassenja tas-sentenzi kemm tal-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili kif ukoll ta' din il-Qorti, jistghu jitnisslu dawn il-linji giurisprudenzjali:
> (a) Meta huwa car li hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta ma humiex disponibbli.
> (b) Din il-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jirrizultawx ragunijiet serji u gravi ta' illegalita' jew ta' gustizzja jew ta' zball manifest, ma tiddisturbax l-esercizzju ta' diskrezzjonalita' ta' l-ewwel Qorti konferit mill-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni.
> (c) Kull kaz ghandu l-fattispecie partikolari tieghu.
> (d<u>) Meta r-rikorrent ma jkunx ghamel uzu minn rimedju li setgha kellu, dan ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonsidra li m'ghandiex tezercita l-gurisdizzjoni taghha jekk, dak il-possibli rimedju ma kienx pero' se jirrimedja hlief in parti l-lanjanzi tar-rikorrent.</u>
> (e) Meta r-rikorrent ma jkunx ezawrixxa r-rimedji ordinarji, jekk pero' dan in-nuqqas ikun ikkontribwixxa ghalih l-operat ta' haddiehor, allura ma jkunx desiderabbli li l-Qorti tieqaf u ma tipprocedix bit-trattazzjoni tal-kaz.
> (f) Meta l-ewwel Qorti tezercita d-diskrezzjoni taghha u tieqaf mit-trattazzjoni minghajr ma tezamina l-materja necessarja li fuqha dik id-diskrezzjoni ghandha tigi ezercitata, il-qorti tat-tieni grad ghandha twarrab dik id-diskrezzjoni. (sottolinjar mizjud minn din il-Qorti)

Stabbiliti dawn il-parametri gurisprudenzjali, jsegwi Ii I-Qorti trid tezamina jekk fil-fattispecie tal-kaz odjern, ir-rikorrent kellux a dispozizzjoni tieghu rimedju ordinarju Ii kien accessibbli, xieraq, effettiv u effikaci ghall-Ianjanzi mressqa minnu.

Ir-rimedju ordinarju li tigi mistharrga d-decizjoni tal-Avukat Generali taht l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101, illum il-gurnata jezisti, u dan kif jipprovdi l-artikolu 22(2A) (b) tal-Kap. 101 hekk kif emendat bl-Att XXIV tas-sena 2014, fis-sens illi:

> (b) Meta l-Avukat Generali jkun ordna li l-persuna akkuzata tigi ggudikata fil-Qorti Kriminali skont is-subartikolu (2), <u>meta tintemm il-kumpilazzjoni jew fi zmien sebat ijiem mid-data li fiha l-persuna akkuzata tkun notifikata bl-att ta' akkuza, f'kaz li l-Qorti tal-Magistrati, bhala Qorti Istruttorja tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-akkuzat jitqieghed taht att ta' akkuza, l-akkuzat jista' permezz ta' rikors</u>

> ippreżentat quddiem il-Qorti Kriminali fi żmien sebat ijiem mit-tmiem tal-kumpilazzjoni, jitlob lill-imsemmija qorti sabiex tordna li huwa jiġi ġġudikat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-Qorti Kriminali għandha, wara li tkun ordnat in-notifika tar-rikors lill- Avukat Ġenerali u tagħtih sebat ijiem biex iwieġeb lura u wara li tkun semgħet is-sottomissjonijiet orali mingħand l-akkużat u l-Avukat Ġenerali, jekk tqis li dan huwa neċessarju, tiddeċiedi quddiem liema qorti l-akkużat għandu jiġi ġġudikat u l-akkużat għandu jiġi ġġudikat skont id-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali (sottolinjar miżjud minn din il-Qorti)

Ladarba r-rikorrent ma għamilx użu mir-rimedju li tagħtu l-istess liġi, hekk kif intemmet il-kumpilazzjoni jew fit-terminu mogħti lilu wara li kien notifikat bl-att ta' akkuża 16/2015, huwa tabilħaqq tilef l-opportunita sabiex jekk hass li kien xieraq, jattakka d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Avukat Ġenerali. Ta' dan in-nuqqas ma jaħti ħadd ħlief ir-rikorrent u ma jistax issa jipprova jissana dak in-nuqqas permezz tal-proċeduri odjerni, peress li din il-Qorti mhix waħda ta' reviżjoni fir-rigward tad-diskrezzjoni adoperata mill-Avukat Ġenerali fit-tħaddim tas-setgħat mogħtija lilu bil-liġi. Fil-fehma ta' din il-Qorti, isegwi li kif rilevat mill-intimat Avukat Ġenerali, ma jistax jingħad li d-deċiżjoni tiegħu hija insindakabbli. Huwa minnu wkoll li parti mill-ilment tar-rikorrent huwa llum eżawrit, peress li ma jistax jingħad li huwa qiegħed fl-għama fir-rigward ta' jekk l-Avukat Ġenerali hux se jordna illi l-każ tiegħu jiġi deċiż mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew minn ġuri fil-Qorti Kriminali, peress li kull dubju li seta' kien hemm, ġie eliminat meta nħareġ l-att ta' akkuża f'Settembru, 2015.

Madankollu l-Qorti tqis illi jkun kontroproduċenti li tiddeklina li teżerċita l-poter tagħha f'dan l-istadju peress, li l-ilment tar-rikorrent mhux dwar l-insindikabbilita tad-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali ut sic*,* iżda jingħad ukoll li l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta jivvjola l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni, ilmenti ta' natura kostituzzjonali li jkun xieraq li jiġu ndirizzati minn din il-Qorti, sabiex il-Qorti Kriminali tkun tista' tipproċedi bis-smigħ tal-kawża pendenti quddiemha serenament, ladarba tingħata deċiżjoni fuq il-lanjanza kostituzjonali mqajma mill-istess rikorrent.

Sa fejn il-kweżit tar-rikorrent huwa bbażat fuq l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, riferibilment għad-dritt għal smiegħ xieraq, din il-Qorti tirreferi għal dak li ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tas-16 ta' Settembru, 2014 fl-

ismijiet **Joseph Lebrun vs Avukat Generali**, fejn wara li l-Avukat Generali appella minn sentenza tal-Prim Istanza, li sabet ksur taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, fejn tressqu aggravji simili ghal dawk imqajjma mill-Avukat Generali fir-risposta moghtija fil-kaz in ezami, inghad mill-Qorti Kostituzzjonali:

22. Din il-Qorti tosserva li kif ritenut fil-gurisprudenza patria "is-smigh xieraq jiddependi mill-iter processwali adoperat fil-kuntest ta' persuna akkuzata b'reat, u ma tirreferix ghad-dritt sostantiv li tahtu jigi akkuzat. Id-dritt ta' smigh xieraq li ghandu kull akkuzat mhux pregudikat bil-provvediment tal-Artikolu 22(2), u, darba nharget akkuza, il-process gudizzjarju hu protett bil-ligi li jiggarantixxi smigh xieraq ghall-akkuzat." (**Godfrey Ellul vs Avukat Generali**, deciz fil-5 ta' Lulju 2005, u konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali). Il-Qorti Kostituzzjonali fl-istess kaz osservat hekk:
Dan [l-Artikolu 6] jirregola l-mod kif jitmexxa l-process quddiem il-qorti, u mhux il-mod kif jingieb quddiem il-Qorti. Sew quddiem il-Qorti Kriminali u sew quddiem il-Qorti tal-Magistrati, min ikun mixli b'akkuza kriminali jkollu l-garanzija kollha li jrid dan l-artikolu … imkien f'dan l-artikolu ma tinghata garanzija illi l-prosekutur m'ghandux ikollu diskrezzjoni bhal dik moghtija lill-Avukat Generali fl-Artikolu 22(2) tal-Kap.101(deciz fis-27 ta' April 2006).

23. Ukoll fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri** (Qorti Kriminali App Nru 3/1998, 23/01/2001), il-Qorti tal-Appell Kriminali [Superjuri] osservat hekk:
... Din il-Qorti ma tistax tara kif, imqar remotament, id-diskrezzjoni li ghandu l-Avukat Generali skond l-artikolu 22(2) imsemmi tista' tincidi fuq l-indipendenza taghha. Tasal kif tasal kawza quddiem din il-Qorti – bid-decizjoni ta' parti wahda, bil-kunsens taz-zewg partijiet jew minhabba dispozizzjoni espressa tal-ligi li torbot lill-partijiet fil-kawza – l-indipendenza ta' din il-Qorti hi marbuta mal-mod kif inhi, skond il-ligi, komposta u kostitwita. La n-natura tal-kawza li tingieb quddiemha u lanqas kif jew min igibha quddiemha ma jistghu remotament jincidu fuq tali indipendenza."

24. Inoltre, kif osservat il-Qorti fil-kawza **Claudio Porsenna vs Avukat Generali** (Kost PA 16/03/2012) it-terminu "decizjoni" fl-Artikolu 6 jirreferi ghall-process li jsir quddiem qorti indipendenti u imparzjali meta persuna tkun tressqet quddiemha mixlija b'reati, u mhux ghad-decizjoni li l-awtorita` kompetenti tkun hadet biex tressqu quddiem dik il-Qorti.

25. Fil-kaz odjern mhux qed jigi allegat li r-rikorrent ma kienx qed jinghata smigh xieraq minhabba xi haga li sehhet matul l-iter tal-proceduri kriminali wara li kien gie mixli quddiem il-qrati kriminali, imma qed jilmenta mill-fatt li hu "ghadu fl-ghama jekk fl-gheluq tal-kumpilazzjoni l-Avukat Generali hux ser jordna li l-kaz tieghu jigi deciz mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) jew minn guri fil-Qorti Kriminali". Din il-Qorti tosserva li dan ma jwassalx ghal ksur tad-dritt ghal smigh xieraq tar-rikorrent, stante li d-diskrezzjoni tal-intimat hija finalment marbuta

> mal-provi li jingabru matul l-istuttorja, u huwa fil-konkluzjoni tal-gbir ta' dawn il-provi li l-intimat ikun fl-ahjar pozizzjoni li finalment jiddeciedi f'liema forum ghandu jigi trattat u deciz il-kaz kontra r-rikorrent.

Filwaqt li din il-Qorti thaddan dan l-insenjamenti, ghalkemm fil-kaz odjern, kwalunkwe incertezza llum hija superata, peress li kif inghad qabel, lahaq inhareg l-att ta' akkuza, tqis li f'dan il-kaz ukoll li l-Avukat Generali ma ta ebda decizjoni fuq il-mertu tal-akkuzi, izda wara li ezamina c-cirkostanzi tal-kaz, ghamel uzu mid-diskrezzjoni tieghu, fuq il-bazi tal-Linji gwida, kif elenkati fir-Raba' Skeda tal-Kap. 101. Meta wiehed jara dawn il-linji gwida jsib li konsiderazzjonijiet principali li ghandhom isiru mill-Avukat Generali fl-uzu tad-diskrezzjoni moghtija lilu huma l-hsara jew il-hsara potenzjali li tista' tigi kkawzata mir-reat li bih il-persuna tkun giet akkuzata, kif ukoll il-kwantità ta' droga. Decizjoni li jigi ribadit, ma gietx kontestata mir-rikorrent Rizzo, allura din il-Qorti ssib li l-Avukat Generali fl-uzu tad-diskrezzjoni tieghu strada l-kaz fid-dawl tal-provi li rrizultaw mill-Istruttorja, izda la ddecieda fil-mertu tal-htija o meno tal-akkuzat u lanqas il-piena erogabbli, f'kaz ta' sejbien ta' htija, mansjoni li tispetta lill-Qorti Kriminali.

Isegwi li l-ilment tar-rikorrent ta' Joseph Rizzo taht l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, ma jistax jirnexxi.

In kwantu l-kwezit imressaq, jissejjes fuq l-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, huwa ritenut ukoll opportun li ssir referenza ghal sentenzi b'mertu identiku li gew determinati mill-Qorti Kostituzzjonali, fis-sens li l-ilment marbut mad-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali taht l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101, gie michud, fosthom dik tas-6 ta' Frar, 2015, fil-kawza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Matthew Zarb et** fejn inghad:

> 11. Din il-Qorti diga kellha okkazjoni titratta dan il-punt f'sentenzi ohrajn fosthom il-kaz **Joseph Lebrun v. Avukat Generali** u **Martin Dimech vs Avukat Generali** (Kost App. 84/13 Joseph Lebrun vs Avukat Generali, u Kost. 61/13 Martin Dimech vs Avukat Generali, decizi 17 Settembru 2014) li ghalihom qed issir referenza.
>
> 12. L-Artikolu 7 de quo fil-parti relevanti tieghu jaqra hekk:
> [1] Hadd ma ghandu jitqies li jkun <u>hati ta' reat kriminali</u> (sottolinear tal-Qorti) minhabba f' xi att jew ommissjoni li ma jkunux jikkostitwixxu reat kriminali skont ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar.

Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiz-zmien meta r-reat krimininali jkun sar ...

13. Minn din id-dispozizzjoni ghandu jirrizulta car li sabiex tikkonfigura l-lezjoni hemm kontemplata jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija ta' reat kriminali. Dan huwa pre-rekwizit essenzjali ghall-ezami tal-punt jekk giex vjolat id-dritt fundamentali hemm protett. Din il-konsiderazzjoni tirrizulta cara mid-dispozizzjoni de quo u tinsab sostnuta mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropeja. Hekk fil-kaz **Mirchev and Others vs Bulgaria** (71605/01, deciza 27 Novembru 2008) dik il-Qorti osservat:
The Court considers that the applicants cannot claim to have been "victims" within the meaning of article 34 of Convention under Article 7[1] of the Convention by the mere opening of criminal proceedings against them. The proceedings remained at the stage of the preliminary investigation and never resulted in actual convictions and punishment [para.24].

14. Fil-kaz **Avukat Jose' Herrera nomine vs Avukat Generali**, din il-Qorti (Kost 1/2010, deciz 13 April 2011), diversament komposta, esprimiet l-istess fehema u cioe li ghall-applikabbilita` tal-Artikolu 7[1] jehtieg li jkun hemm sejbien ta' htija. Hija wkoll ccitat bran mill-'Law of the European Convention on Human Rights' (2 Edizzjoni, pg. 232).

15. Komformament mal-premess, jigi osservat ukoll li fil-kaz **Lukanov vs Bulgaria** [Appl. 21915/93] il-Kummissjoni Ewropeja osservat:
Under Article 7 [Art.7] of the Convention the applicant complains that criminal proceedings were instituted against him on the basis of acts which did not constitute a criminal offence at the time when they were committed. The Commission notes that the proceedings instituted against the applicant have not yet been terminated. He has not, thereforfe been 'held guilty of any criminal offence' as set out in Article 7 para. 1 [Art. 7 – 1] of the Convention."

16. Ghalhekk din il-Qorti tosserva li, b'differenza ghal-kaz **Camilleri vs Malta** fejn l-applikant kien gie misjub hati ta' reat kriminali u li s-sejbien ta' htija tieghu kienet ukoll giet konfermata mill-Qorti Kriminali, fil-kaz odjern ir-rikorrenti ghadu ma nstabx hati ta' reat kriminali peress li l-proceduri kriminali ghadhom pendenti. Ghal din ir-raguni l-invokazzjoni da parti tieghu ghall- Artikolu 7 hija intempestiva.

17. Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dak deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

18. Fl-ahharnett fuq dan l-aggravju mhuwiex inopportun li jigi osservat li, wara l-emendi li saru bl-att XXIV [Art. 88 u 90] u li gew fis-sehh fl-14 Awwissu 2014, ir-rikorrent akkuzat ghandu dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Avukat Generali quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali [Artikolu 22[b]], u ghalhekk l-uzu tad-diskrezzjoni uzata mill-Avukat Generali fil-kazijiet individwali hija sindikabbli gudizzjarjament mill-qrati lokali. Ghalhekk il-fattur tal-"unfettered discretion" jew possibilita ta' arbitrarjeta da parti

> tal-Avukat Generali fl-uzu tad-diskrezzjoni tieghu llum spicca, ghax skont l-istess emendi, in forza ta' dispozizzjoni tranzatorja [it-tieni proviso tal-Artikolu 22 [b] Kap.101] ir-rikorrenti, tenut kont li l-proceduri kriminali kontra tieghu ghadhom pendenti, ghandu d-dritt li jappella, ghal darba wahda biss, mid-decizjoni tal-Avukat Generali fi zmien xahar mid-data tad-dhul fis-sehh tal-istess subinciz u cioe` fl- 14 ta' Awwissu 2014 [Avviz Legali 275].

Din il-Qorti filwaqt li tistqarr li taqbel mal-principji appena enuncjati fis-sentenzi hawn fuq imsemmija, m'ghandhix wisq x'izzid ma' dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali li wassalha biex tichad l-argumenti tal-akkuzat f'kull kaz, in kwantu hawn ukoll ladarba il-proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent Joseph Rizzo ghadhom pendenti, l-ilment tieghu a tenur tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni huwa intempestiv u ghalhekk ma jistax jirnexxi. Dan kuntrarjament ghall-kaz citat mir-rikorrent fir-rikors tieghu ta' Camilleri vs Malta [App nru 42931/10], peress li Camilleri f'dawk il-proceduri kien gie processat u misjub hati ta' reat kriminali.

Mill-premess jirrizulta car li l-ilmenti ta' Joseph Rizzo ma jistghux jigu milqugha, peress li ma tezisti ebda vjolazzjoni la tal-artikolu 6 u lanqas tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan ghaliex f'dan l-istadju prematur, la jista' jinghad li ma kellux smiegh xieraq u lanqas ma kien hemm sejbien ta' htija fil-konfront tieghu, peress li l-kaz tieghu ghadu pendenti.

Jinhass opportun li jinghad ukoll, li in kwantu ghas-sentenza esebita mid-difensuri ta' Joseph Rizzo, waqt is-seduta tat-30 ta' Jannar, 2017, li tirrigwarda sfilz ta' statement moghti in vjolazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, hekk kif deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Dicembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **The Republic of Malta vs Chukwudi Samuel Onyeabor**, din il-Qorti ma tqisx l-istess bhala relevanti ghall-mertu tar-referenza odjerna in kwantu kienet limitata li tinvesti l-kwezit jekk l-artikolu 22(2) tal-Kap.101, li jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali ghall-liema piena ghandu jissottometti lill-akkuzat, bhala lezivi tal-artikolu 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-bniedem.

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Massa et vs Id-Direttur ghall-Akkomodazzjoni Socjali et**, deciza fit-30 ta' April 2012:

12. Ghandu jigi rilevat li bhala regola meta ssir riferenza ta' kwistjoni kostituzzjonali kif previst fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni l-funzjoni tal-Qorti li lilha ssir ir-riferenza hija arginata bit-termini tar-riferenza u ghalhekk dik il-Qorti ghandha tillimita ruhha filli twiegeb ghall-kweziti riferuti lilha. Il-kwezit riferut lill-ewwel Qorti kien limitat sabiex jigi determinat jekk l-ordni ta' rekwizizzjoni tal-fond 51, Mdina Road, Naxxar permezz tar-Requisition Order tal-10 ta' Gunju 1980 (R.O. 22312) u l-effetti kontinwati tal-istess ordni, humiex bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. L-ewwel Qorti kellha twiegeb ghal dak il-kwezit u tieqaf hemm…

Filwaqt li din il-Qorti taqbel mal-principju hawn appena enuncjat, hekk ukoll f'dan il-kaz mhux meqjus opportun li din il-Qorti tinoltra ruhha fi kwezit li jmur lil hinn minn dak kontenut fir-rikors ta' Joseph Rizzo tat-3 ta' Dicembru, 2013.

**Decide**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li tichad l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali biex din il-Qorti tiddeklina milli tezercita s-setghat kostituzzjonali taghha, twiegeb il-kwezit maghmul lilha fin-negattiv, peress li ma ssibx li l-artikolu 22(2) tal-Kap.101 li jaghti diskrezzjoni lill-Avukat Generali huwa insindakabbli kif ritenut mir-rikorrenti u lanqas m'huwa leziv tad-drittijiet sanciti, taht l-artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Bl-ispejjez quddiem din il-Qorti jkunu a karigu ta' Joseph Rizzo.
Kopja ta' din is-sentenza ghandha tinghata lill-Qorti Kriminali, sabiex tigi inserita fl-att tal-akkuza bin-numru 16/2015.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur